**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Jannar, 2025**

Kawza Numru: 300/2020/1 (MPX)

**Princess Holdings Limited**
**(C-72528)**

**vs**

**Andrew Bailey (K.I. 64293A)**
**f'ismu personali, kif ukoll bhala**
**ezercitanti l-kummerc ta' BRB**
**International Freight Solutions**

**Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tas-socjeta` attrici, ipprezentat fis-27 ta' Novembru, 2020, fejn talbet kif gej:

> *"Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' erbat elef, disa' mija u tlettax-il Ewro u zewg centezmi (€4,913.02), rapprezentanti l-valur imhallas mis-socjeta` rikorrenti ghall-akkwist tat-tow truck Mercedes Sprinter 3 White, liema tow truck kellu jigi kkunsinnat mill-konvenut lis-socjeta` rikorrenti, u liema tow*

*truck ghadu sal-lum il-gurnata mizmum mill-istess konvenut arbitrarjament minkejja diversi interpellazzjonijiet.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.*

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha wiegeb kif gej:

*"Illi l-mittenti jichad kategorikament l-allegazzjonijiet kollha kif dedotti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati minhabba s-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti jinvoka l-privilegium fori, fis-sens li dawn il-proceduri ghandhom jinstemghu f'Ghawdex u mhux Malta stante li l-esponenti huwa residenti f'Ghawdex u infatti l-esponenti l-indirizz personali kif ukoll dak tal-kummerc tal-mittenti dejjem kien f'Ghawdex;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jigi indikat l-ammont li qieghed jigi reklamat u dan stante li l-ammont mitlub ma jikkombacix fl-avviz prezentat – indikat bhala €3,494.06 fil-faccata u €4,913.02 fil-korp tat-talba;*
3. *Illi l-esponenti ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' Princess Holdings Limited u jiddikjara li huwa m'ghamel l-ebda negozju mas-socjeta` rikorrenti;*
4. *Illi mhux minnu li l-esponenti ghandu jaghti xi flejjes hekk kif qieghed jigi reklamat u mhux minnu li s-somom indikati gew b'xi mod mghoddija lill-esponenti;*
5. *Illi l-esponenti gie nkarigat biex igorr vettura ohra li mhux dik indikata mis-socjeta` rikorrenti, hekk kif fil-fatt ghamel, liema inkarigu ma kienx pero` mas-socjeta` rikorrenti. Illi fir-rigward tal-*

*vettura indikata fit-talba, dan kien impossibbli li jsir minbhabba ragunijiet indipendenti mill-volonta` tal-esponenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Ra s-sentenza in parte moghtija fis-26 ta' Mejju, 2022, li permezz taghha gie ordnat li l-proceduri odjerni jitkomplew jinstemghu u jigu decizi mill-istess Tribunal kif diversament presedut gewwa l-gzira ta' Ghawdex, liema sentenza ghaddiet in gudikat.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra:

Permezz tat-talba odjerna, is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef, disa' mija u tlettax-il Ewro (€4,913.02), liema ammont l-istess socjeta` tghid li jirrapprezenta dak dovut ghall-akkwist ta' tow truck, liema tow truck kellu jigi kkunsinnat lis-socjeta` attrici, pero` li baqa' mizmum mill-konvenut.

It-Tribunal ra x-xhieda prodotta, partikolarment dik moghtija minn Lorry Caruana, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2023, u dik kontenuta fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

It-Tribunal seta' jinnota li x-xhieda moghtija minn Lorry Caruana, prodott mis-socjeta` attrici, u li jghid li kien jokkupa l-kariga ta' Operations Manager fi hdan is-socjeta` attrici fiz-zmien meta saru trattattivi mal-konvenut, hija mtappna minn nuqqas ta'

certezzi, nieqsa minn dettalji li jikkorroboraw dak hawn mitlub, u ghaldaqstant zvestita minn evidenza li setghet tqanqal konvinciment lil dan it-Tribunal. Dan ghaliex, fix-xhieda tieghu stess, l-istess xhud jistqarr illi provi ta' jekk it-*tow truck* mertu ta' dan il-kaz effettivament jinsabx fil-pussess tal-konvenut, m'ghandux:

*Xhud: Konna nafu li kien hemm forsi xi hsara trid tissewwa, li nafu li ma kienetx inkluza f'dawk it-one thousand three hundred, one thousand four hundred, u kellu jghidilna biha kemm tiswa u jgibhu Malta. Imma minn dawk l-affarijiet, qatt ma smajna.*

*Avukat Dr Justyne Caruana: Issa, x'gara eventwalment?*

*Xhud: Eventwalment t-trakk qatt ma wasal Malta!*

*Gudikant: Jigifieri intom hallastu dawn il-flus u t-trakk maa!*

*Xhud: Ahna hallasna fuq il-Mercedes E class, fuq it-tow truck ma nafx li thallsu flus.*
*Gudikant: Ok.*

*[...]*

*Avukat Dr Justyne Caruana: L-istruzzjonijet kienu dawk. U s-sur bailey x'ghamel?*

*Xhud: Is-sur Bailey mar gab l-E class, baghat il xi hadd mid-dehra, m'ghandix provi jigifieri, jigbor dan it-tow truck minn hemmekk u hadu fi storage. Gie hawn Malta bl-E class talabni one thousand nine hundred (1900), one thousand nine hundred seventy five (1975) ghandu jkun kienet, ghal bidu kellna daqxejn ta disgwid imma ghandu jkun konnha hallasnieh il-kumplament ta l-E class. X'hin ried, imbaghad tellha ghal xi three*

*thousand fuq it-tow truck ghedltu: "Le." Ghedtlu: "Three thousand m'hiniex ha nhallas!" Ghedtlu: "Ahna ghandna dak il-quote", ghedtlu; "Dik il-quote ha nimxu".*

Prova tal-ammont li kien gie effettivament mghoddi specifikatament ghall-finijiet ta' kunsinna ta' dan l-istess *tow truck* ma tressqitx lanqas.

It-Tribunal izid josserva li hija s-socjeta` attrici li ghandha l-oneru tal-prova, stante li hija l-istess socjeta` li qed tallega dritt ta' hlas minghand il-konvenut, liema prova certament hija mankanti fil-kaz in dizamina.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, fuq nuqqas ta' provi soddisfacenti, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft.) Martina Axiak
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur